MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 24/2005

**Gatt Brothers (Mosta) Limited**

**vs**

**R.C. Construction Company limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 ta' Jannar tas-sena 2005 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata

1. Illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija u hdax – il Lira Maltija u disgha u tletin centezmu, (LM3,411.39,0) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti l-valur ta' materjal ghall-bini mibjugh u

konsenjat lilha mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu ta’ l-istess socjeta’ konvenuta;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata l-4 ta’ Ottubru tas-sena 2004 u tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ dan l-Avviz, u bl-imghax legali dekoribbli mill-31 ta’ Ottubru tas-sena 2003 u cioe’ d-data ta’ l-ahhar konsenja, kontra s-socjeta’ konvenuta rapprezentanti ta’ liema huma ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta fuq indikata datata l-1 ta’ Marzu tas-sena 2005 li permezz taghha din is-socjeta’ ammettiet it-talbiet tas-socjeta’ attrici;

Ghaldaqstant din il-qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta R.C. Construction Company Limited biex thallas l-ammont ta’ tlett elef erba’ mija u hdax – il Lira Maltija u disgha u tletin centezmu, (LM3,411.39,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------